**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 44 – IT-TNEJN, 8 TA' OTTUBRU 2012 FIS-5:45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 43**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati il-minuti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 70**

2.1 Is-Sur Neville Mallia ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġie deċiż li jinxtraw 100 *badge* bi prezz ta' 2.50 Ewro l-waħda.

3.2 Ġie deċiż li napplikaw għall-kors ta' TCTC għal ICT4U bi prezz ta' 1100 Ewro.

3.3 Ġiet ippreżentata l-ittra ta-*Ciliega*, fejn talab għal rifużjoni ta' 175 Ewro minħabba li kien hemm żball fl-*invoice*. Kien hemm qbil unanimu.

**3.4** Ġiet diskussa l-offerta tal-*Malta Business Directory* għal avviż fuq dan fuljett. Ġie deċiż li dawn l-avviżi ma jsirux.

3.5 Ġiet innutata l-ittra mingħand is-Sur Angelo Vassallo kif ukoll ir-risposta tal-Kunsill.

3.6 Ġiet innutata l-pjanta taż-*zebra crossing* proposta fi Triq il-Mensija. Ġie deċiz li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss għax il-kunsillier li ppropona din ma kienx preżenti.

3.7 Ġiet diskussa l-kwotazzjoni tal-*Għaqda Festa Esterna Madonna ta' Lourdes* għat-tiżjin tal-Milied fi Triq in-Naxxar. Dan l-ammont huwa ta' 2295 Ewro li jinkludi ukoll is-servizz temporanju u l-konsum. Ġie deċiż li nofs l-ammont jitħallas mill-Kunsill u n-nofs l-ieħor jitħallas mill-komunità kummercjali ta' Triq in-Naxxar, kif talbu huma.

3.8 Ġiet diskussa l-ittra tal-*Green Pak* biex tiġi nstallata tabella fejn l-iskips tar-reċiklaġġ ta' taħt l-art. L-ittra titlob lill-Kunsill biex iħallas 295 Ewro. Ġie deċiż li noffru lil *Green Pak* 250 Ewro biex issir din it-tabella.

3.9 Ġiet diskussa l-kwotazzjoni tad-Dimbros biex jiġu rranġati xi bankini. Ġie deċiż għal issa jsiru x-xogħlijiet fi Triq il Fresja, Vjal in-Naspli kantuniera ma Triq Bellavista, Triq il-Qasab, u s-*softarea* fi Triq Birkikara.

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sur Neville Mallia ppropona li jsiru 3 *U-bends* fi Triq George Tayar. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li nitolbu lil TM biex titneħħa *ż-zebra crossing* li tinsab fi Vjal ir-Rihan bejn Vjal in-Naspli u Triq il-Buganvilla. Kien hemm qbil unanimu. Ġie deċiż ukoll li tinġabar stima biex isir fustun fi Pjazza Lourdes għall-festi tal-Milied. Is-Sinjura Bayliss infurmat lill-Kunsill li hi għamlet laqgħa mas-Sur Anthony Mifsud Bonnici u l-*helpers* tad-*day centre* u tixtieq tirringrazzja lis-Sur Mifsud Bonnici għall-kontribut tiegħu.

4.3 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici xtaq jilmenta rigward il-minuti 43 paragrafu 4.4 fejn hu ddikjara irid ikun kunsillier konġunt għaliex diġà kien involut fil-ħidma tad-*day centre*. Hu talab ukoll li jkun responsabbli għall-flus ta' dan id-*day centre*. Ġie deċiż li s-Sur Mifsud Bonnici kif ukoll is-Sinjura Marica Bayliss it-tnejn ikunu responsabbli għall-flus u l-*ledger* li ser jibda jinżamm. Hu talab rendikont finanzjarju ta' dawn l-aħħar għaxar snin tad-Day Centre. Ir-risposta kienet li jekk dawn ma nżammewx, ma jistgħux jiġu provduti. Is-Sur Mifsud Bonnici provda ritratti li allegatament juru ħalib u butir fil-11.30am fil-fridge tad-Day Centre. Provda wkoll ritratti ta' żibel li juru xi nħela dik il-ġimgħa.

4.4 Is-Sur Mikhail Micallef staqsa għalfejn ma nbidilix il-post tas-siġra li tinsab fi Triq Sardinell, kif kien ġie deċiż mill-Kunsill. Għandha ssir *site inspection* biex tiġi determinata jekk hemmx bżonn tiġi spostata. Hu staqsa ukoll għalfejn għadhom ma darux il-bankijiet fi Triq Ugo Carbonaro. Is-Sur Neville Mallia spejga li l-kuntrattur irrikomanda li ma jsirux għax jiġu perikolużi ħafna. Ġie deċiż li ssir *site inspection*. Is-Sur Micallef talab biex isiru l-linji tal-parkeġġ fi Triq il-Mediterran. Ġie deċiż li ssir *site inspection* rigward din.

## 5 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**